## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Citazzjoni numru 435/1993

Illum 19 ta' Frar, 2002

Il-Pulizija
(Spettur Anthony Cassar)
(Spettur Paul Bond)

VS

Anthony Sant

**IL-QORTI**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli f'Bormla, fil-15 ta' Lulju, 1993 ghall-habta ta' xi s-7.00 p.m.

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta tefa gebla kbira u ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Corolla ta' lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni L 1229 ghad-dannu ta' John Azzilla minn tas-Sliema, liema hsara teccedi LM50 izda mhux LM500.

2 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta tefa' gebla ohra fid-direzzjoni ta' tieqa tal-hgieg u flixkun tal-hgieg fid-direzzjoni tal-bieb ta' barra tal-fond numru 19, Block B Conception Street, Bormla, ghad-dannu ta' Mary Sant minn Bormla, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin.

3 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti.

4 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser, volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

5 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku.

6 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin fid-direzzjoni ta' tieqa u bieb tal-fond numru 19 Block B Conception street, Bormla.

7 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded verbalment lil ommu Mary Sant u lil John Azzilla msemmijin aktar il-fuq.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni biex il-Qorti tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' Mary Sant u John Azzilla u biex jinzamm il-bon ordni pubbliku torbot lill-imputat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-istess Qorti.

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja ( fol 11 tal-atti).

Semghet lill-imputat jiddikjara, li ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 6 u 10 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-prosekuzzjoni.

Rat dak verbalizzat a fol 83 tal-atti.

<u>Ikkunsidrat:</u>

Illi jkun opportun hawnhekk li jigu sintetizzati l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni, in sostenn tal-akkuzi in ezami. Dawn kienu:

1 L-istess spettur Anthony Cassar (fol 13 et seq ibid) qal li dan il-kaz jirrifletti ‘inkwiet mal-familjari’ tal-istess akkuzat ossija omm l-akkuzat Mary Sant, ‘xi habib tal-istess omm’, John Azzilla u l-akkuzat stess, li meta gara l-kaz kellu hmistax-il sena bhala eta. Fil-gurnata tal-incident, in ezami, li ma jidhirx li kien uniku u izolat, l-akkuzat allegatament kien iggieled ma’ ommu u l-imsemmi ‘habib’ kemm bil-kliem kemm bil-‘fatti’. Di fatti kien gie allegat li l-akkuzat kien tefa flixkun kontra tieqa tar-residenza ta’ ommu. Hawnhekk kien intervjena John Azzilla u l-akkuzat allegatament tefa’ gebla fid-direzzjoni tal-karozza appartenenti lil dan fost theddid u dagha. Filwaqt li jinghad li l-incident kien kompla fl-ghassa ta’ Bormla fejn l-akkuzat ghamel storbju permezz ta’ ghajjat u kliem hazin. In oltre, l-akkuzat kien hedded kemm lill-ommu, kemm lill-‘habib’ ta’ din (ara l-kwereli annessi a fol 16 u 17 tal-atti). In konnessjoni ma’ dan, l-akkuzat gie interrogat u rrilaxxa l-istqarrija bil-miktub esebita a fol 18 tal-atti. Mill-istess dokument mhux kontestat jidher li l-akkuzat stqarr li kien tefa kemm flixkun kemm gebla lejn it-tieqa u karozza gia msemmija waqt li sostna li kemm l-omm, kemm il-‘habib’ kienu qed jesageraw il-hsara. In rigward l-istess hsara, xehed PC 1510 Michael Pace (fol 20 et seq ibid) bhala fotografu nkarigat mill-prosekutur u l-istess xhud esebixxa tlett ritratti dwar il-hsara fil-hgiega tat-tieqa (ara fol 22 ibid). In rigward l-istess karozza, dan ix-xhud specifika li meta mar fuq il-post tal-incident in ezami ‘ma rajt l-ebda demm go fiha’ u (l-ghafsa fuq is-saqaf taghha) jiena ma rajthiex’. In oltre, l-istess xhud ma kienx sab din il-vettura fil-kwartieri generali tal-pulizija sabiex setghet tigi fotografata.

2 Mary Sant omm l-akkuzat (fol 23 et seq ibid) spjegat li fid-data in kwisjtoni, ghall-habta tas-6.00 p.m. ‘rajt brick diehla fil-kamra fejn kont. Din, fil-fatt, dahlet mit-tieqa u

fil-fatt inkisret il-hgiega'. Dak il-hin, oltre t-tifla taghha kien hemm 'habib tal-familja' ossija l-imsemmi John Azzilla. Ghalhekk hi u John Azzilla hargu l-barra u hawnhekk rat lill-akkuzat wahdu, li beda jitfa fliexken fid-direzzjoni ta' dan, liema fliexken, pero, ma kienux laqtu lill-istess 'habib'. In oltre, rat lill-akkuzat jitfa' 'brick' ohra fuq il-karozza ta' John Azzilla u b'hekk intlaqat il-'bonnett' ta' din. Waqt li ssottomettiet li l-akkuzat kien sar aggressiv fil-konfront taghha u kien heddidha bil-kliem u jkellimha hazin hi qalet ukol li 'Nahseb li dak il-hin it-tifel ma kienx f'sikktu'. Ix-xhud spjegat li l-imgieba tal-akkuzat fil-konfront taghha ma kienx kawzat mill-presenza tal-imsemmi 'habib' izda minhabba "illi t-tifel kien jidholli lura d-dar kmieni fil-ghodu".

3 John Azzilla (fol 28 et seq ibid) fis-sustanza kkonferma x-xhieda ta' Mary Sant in konnessjoni ma' dan l-incident. In oltre, hu ssottometta stima u fattura dwar id-danni kagunati fil-karozza tieghu (fol 32 u 33 ibid) b'kollox LM93.920.

Ikkunsidrat

Illi in rigward dan l-incident, jidher a bazi kemm tax-xhieda prodotti kemm tal-istqarrija rilaxxata u mhux kontestata mill-istess akkuzat, illi dan ikkommetta r-reati kollha addebitati lilu.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib lill-akkuzat hati talli fil-15 ta' Lulju, 1993 ghall-habta ta' xi s-7.00 p.m.

1 Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta tefa gebla kbira u ghamel hsara fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Corolla ta' lewn ahmar bin-numru tar-registrazzjoni L 1229 ghad-dannu ta' John Azzilla minn tas-Sliema liema hsara teccedi LM50 izda mhux LM500.

2 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli meta tefa gebla ohra fid-direzzjoni ta’ tieqa tal-hgieg u flixkun

3 tal-hgieg fid-direzzjoni tal-bieb ta’ barra tal fond numru 19 block B Conception street, Bormla, ghad-dannu ta’ Mary Sant minn Bormla, liema hsara ma teccedix l-ghaxar liri maltin.

4 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen jew indicenti.

5 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser, volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku.

6 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku.

7 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddab gebel jew hwejjeg ohra iebsin fid-direzzjoni ta’ tieqa u bieb tal-fond numru 19 block B Conception street, Bormla.

8 Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded verbalment lil ommu Mary Sant u lil John Azzilla, imsemijin aktar il-fuq.

Rat l-artikoli 325 (b) (d), 338 (bb) (dd) (ee), 339 (c) u (e) tal-Kodici Kriminali.

In rigward <u>piena</u> tenut kont:
A) Tal-isfond familjari ta’ dan l-incident,
B) Ta’ dak verbalizzat a fol 83 tal-atti,
C) Li l-Qorti ma tistax tinjora dak li gara waqt dan l-incident li seta’ kellu konsegwenzi aktar gravi minn dawk li effettivament graw,

Il-Qorti tara li jkun sufficjenti u ghaqli li jkunu applikati l-artikoli 9 u 11 tal-Kapitolu 152 kif ukoll l-Artikou 383 tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant  il-Qorti:

1 Tordna li l-akkuzat jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mill-lum.

2 Tordna lill-akkuzat sabiex ihallas lil John Azzilla s-somma ta' Lm93.920 bhala kumpens dovut lil dan in konnessjoni mal-hsarat kagunati fil-vettura ta' dan.  Ghandu jinghad li ma ngiebet ebda prova sabiex jista jigi likwidat kumpens favur  omm l-akkuzat Mary Sant in rigward hsarat kagunati fl-imsemmija tieqa.

3 Tordna lill-akkuzat sabiex bl-ebda mod ma jimmolesta lill-istess Mary Sant u John Azzilla ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur mill-lum, taht penali ta' LM50 fin-nuqqas.

Alan Calleja
Deputat Registratur          Veru Kopja      Ghar-Registratur